MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 850/2015/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 850/2015 JZM fl-ismijiet :**

**STC Training Limited (C38709)**

***kontra***

**Patrick Pullicino (I.D. 573351M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentat is-socjeta` rikorrenti fid-29 ta` Mejju 2015 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") sabiex izzomm lill-intimat milli –

*Jbiegh, jittrasferixxi jew mod iehor jiddisponi taht kwalsiasi titolu, kif ukoll milli jissoggetta jew johloq xi piz jew drittijiet ta` kull xorta fuq is-segwenti propjetajiet :*

*a) Id-dar numru 15, Triq Brittania, Mosta, sovrapposta in parti fuq zewg garaxxijiet fl-istess triq bin-numri 14 u 16, izda eskluz l-imsemmija garaxxijiet, bis-sistema tad-drenagg komun ma` dak tal-garaxx numru 16, altrimenti libera u franka bil-gius u pertinenzi kollha taghha ;*

*b) Il-garaxx numru 14, precedentement enumerat 22, fi Triq Brittania, Mosta, liberu u frank, bil-gius u pertinenzi kollha tieghu ;*

*c) Il-garaxx ossia remissa fil-pjan terran bin-numru 11, Triq Brittania, Mosta, liberu u frank, bil-gius u pertinenzi kollha tieghu.*

Rat ir-ragunijiet li gabet is-socjeta` rikorrenti biex issostni t-talba taghha ghall-hrug tal-Mandat, ragunijiet li kienu debitament konfermati bil-gurament mir-rapprezentant taghha Alexander Mizzi.

Rat illi s-socjeta` rikorrenti qeghda tikkontendi illi hija debitrici tal-intimat fl-ammont ta` €143,000 jew ammont verjuri, u ddeduciet il-pretensjoni taghha kontra tieghu permezz ta` procedura ta` arbitragg li kienet intavolata kontestwalment mal-presentata tar-rikors tal-lum.

Rat id-dokumenti li s-socjeta` rikorrenti pprezentat mar-rikors.

Rat id-digriet li tat fid-29 ta` Mejju 2015 fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat, taghtu ghaxart ijiem zmien biex jipprezenta risposta bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis, 11 ta` Gunju 2015, fis-1.15 p.m.

Rat illi l-intimat kien notifikat fid-29 ta` Mejju 2015 u pprezenta risposta bil-miktub fit-8 ta` Gunju 2015.

Rat illi fir-risposta, l-intimat filwaqt li cahad kategorikament l-allegazzjonijiet kollha maghmula fil-konfront tieghu, semplicement ghall-finijiet tal-mandat ta` inibizzjoni (sottolinear tal-qorti), irrimetta ruhhu ghall-gudizzju tal-qorti. In kwantu ghall-ispejjez tal-procediment tal-lum, l-intimat issottometta li dawn ghandhom jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali tal-proceduri arbitrali pendenti bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Gunju 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. Konsiderazzjonijiet

Ghalkemm il-formola li adoperat is-socjeta` rikorrenti sabiex titlob il-hrug tal-Mandat hija dik generika li solitament tintuza meta t-talba tkun qeghda ssir bis-sahha tal-Art 873 tal-Kap 12, huwa evidenti kemm mill-impostazzjoni u min-natura tat-talba, kemm mill-indikazzjoni tal-ammont pretiz, izda fuq kollox bit-talba ghall-hatra ta` nutar pubbliku fil-kaz li tkun milqugha t-talba illi t-talba qeghda ssir abbazi tal-**Art 874(1) tal-Kap 12** li jaqra hekk –

*Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab **ukoll** minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali ; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skond ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Il-Qorti tghid mill-ewwel illi kienet tistenna mis-socjeta` rikorrenti li kellha taghmel uzu mill-formola appozita tenut kont tan-natura tal-talba. Kellha tuza l-formola generika jekk qeghda titlob l-intervent tal-Qorti abbazi tal-Art 873 tal-Kap 12. Jekk pero` qeghda titlob l-intervent abbazi tal-Art 874(1) kellha tuza l-formola li nholqot apposta ghal talba skond din id-disposizzjoni. Bl-uzu tal-formola t-tajba, jigi evitat disgwid ghal kulhadd specjalment ghall-kontroparti.

Dan premess, il-Qorti mhijiex qeghda tghid li l-uzu tal-formola zbaljata sejjer igib in-nullita` tal-procedura tentata mis-socjeta` rikorrenti ghaliex ladarba t-talba hija ben identifikata, il-Qorti tmur ghas-sostanza aktar milli ghall-forma, konfortata anke mill-fatt illi l-intimat fir-risposta tieghu ma tax l-eccezzjoni tan-nullita`.

Il-Qorti tinnota illi fl-*occhio* tar-rikors ma kienux indikati bl-ezatt il-partikolaritajiet kollha tal-intimat, u li huma mehtiega mil-ligi dwar ir-registrazzjoni ta` trasferiment ta` proprjetà immobbli fir-Registru Pubbliku.

Dan premess il-Qorti tirrileva illi l-iskop wara s-subinciz (2) tal-Art 874 huwa sabiex tigi assikurata c-certezza tal-persuna tal-intimat bil-ghan illi jekk tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat tinzamm il-persuna proprija milli tbiegh, tittrasferixxi jew tiddisponi mill-proprjetà ndikata fir-rikors mhux xi persuna ohra.

Fil-kaz tal-intimat kien indikat biss in-numru tal-karta tal-identita`. Ghalkemm kien ikun ahjar, u aktar konformi mal-kliem tal-ligi li kieku s-socjeta` rikorrenti ndikat il-partikolarijiet kollha tal-intimat inkluz in-numru tal-karta tal-identita`, fl-istess waqt il-fatt li kien indikat biss in-numru tal-karta tal-identita` tal-intimat ma jgibx in-nullita` tar-rikors. Del resto ladarba huwa risaput li n-numru tal-karta tal-identita` ta` cittadin imwieled f`dawn il-Gzejjer huwa identiku ghan-numru tat-twelid tieghu, minn dan tal-ahhar wiehed jasal minghajr diffikulta` ghall-partikolarijiet l-ohra tal-persuna koncernata.

**<u>Fil-kaz tal-lum, ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma :-</u>**

**1) Illi t-talba trid issir minn kreditur ; u**

**2) Illi l-kreditu ma jridx ikun ta` inqas minn €11,646.86.**

L-Art 874(1) m`ghandux jinqara bhallikieku jikkonfliggi mal-Art 873 tal-Kap 12 ghaliex fir-realta` ma hemm l-ebda konflitt bejn iz-zewg disposizzjonijiet.

L-Art 873 huwa aktar generiku mill-Art 874, u ghax hu mahsub biex ikun hekk, jimponi rekwiziti *ad hoc* l-aktar ir-rekwizit tal-"*pregudizzju rrimedjabbli*" li kien koltivat u zviluppat mill-gurisprudenza, aktar milli mit-test **<u>strett</u>** tal-ligi, rekwizit dan illi **<u>mhuwiex</u>** inkluz fl-Art 874.

It-talba ghall-hrug tal-Mandat skond l-Art 874 hija ghodda **ohra** (innota l-frazi "**ukoll**") li ghandu mhux kull min jallega li ghandu jedd "*prima facie*" li se jkun pregudikat b`mod irrimedjabbli, izda li ghandu kreditur b`debitu favur tieghu li jaqbez l-€11,646.86.

Kif taraha din il-Qorti, il-*punto d`incontro* bejn iz-zewg disposizzjonijiet huwa, anke ghall-fini tal-Art 874(1), li l-kreditu jrid jirrizulta minn dritt "*prima facie*".

Fil-kaz tal-lum, is-socjeta` rikorrenti qeghda titlob li, bil-hrug tal-Mandat, tkun ikkawtelata pretensjoni fl-ammont ta` €143,000 jew somma verjuri kontra l-intimat.

**Mhuwiex** il-kompitu ta` *din* il-Qorti illi tghid jekk il-pretensjoni tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta hijiex fondata nkella le **fil-mertu**. Dak l-accertament se jsir fil-procediment ta` arbitragg li diga` kien inizjat mis-socjeta` rikorrenti, procediment fejn sejjer jigi trattat *funditus* il-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrenti, u d-difiza tal-intimat kontra l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti.

Ir-rwol ta` din il-Qorti fi procediment specjali bhal dak tal-lum huwa limitat f`li tistabilixxi jekk ir-rikorrenti ghandhiex inkella le jedd *prima facie* kontra l-intimat. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza "**Grech pro et noe vs Manfre**" ir-rekwizit tal-*jedd prima facie* huwa *oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant ; jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Fil-kaz tal-lum, *din* il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ghandha jedd *mad-daqqa t`ghajn* li tavvanza l-pretensjoni taghha.

Din il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti ghandha kull jedd li tikkawtela l-allegat kreditu taghha kontra l-intimat skond il-ligi, u bil-mod l-aktar idoneju u effettiv ghad-disposizzjoni taghha.

**Meqjus l-assjem ta` fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi l-Mandat ghandu johrog ghaliex it-talba tar-rikorrenti tinkwadra ruhha fl-ambitu ta` l-Art 874 tal-Kap 12.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda :**

**1) Tilqa` t-talba tas-socjeta` rikorrenti.**

**2) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni li bis-sahha tieghu l-intimat qieghed jinzamm milli jbiegh, jittrasferixxi jew b`mod iehor jiddisponi taht kwalsiasi titolu, kif ukoll milli jissoggetta jew johloq xi piz jew drittijiet ta` kull xorta fuq is-segwenti propjetajiet :-**

**a) Id-dar numru 15, Triq Brittania, Mosta, sovrapposta in parti fuq zewg garaxxijiet fl-istess triq bin-numri 14 u 16, izda eskluz l-imsemmija garaxxijiet, bis-sistema tad-drenagg komun ma` dak tal-garaxx numru 16, altrimenti libera u franka, bil-gustijiet u l- pertinenzi kollha taghha ;**

**b) Il-garaxx numru 14, precedentement enumerat 22, fi Triq Brittania, Mosta, liberu u frank, bil-gustijiet u l-pertinenzi kollha tieghu ;**

**c) Il-garaxx ossia remissa fil-pjan terran bin-numru 11, Triq Brittania, Mosta, liberu u frank, bil-gustijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.**

**3) Bl-applikazzjoni tal-Art 874(3) tal-Kap 12, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Nicholas Vella sabiex, bi spejjez tas-socjeta` rikorrenti, jinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**4) Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-procedura ta` arbitragg ta` bejn il-partijiet, li kienet inizjata mis-socjeta` rikorrenti fid-29 ta` Mejju 2015 (data tal-presentata tar-rikors tal-lum) u li ghadha pendenti.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------